IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.10.2021
COM(2021) 635 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet u l-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 tal-Ftehim ŻEE

(Programm Spazjali tal-Unjoni)

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru […]

ta' […]

li temenda l-Protokoll 31 (dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista stabbilita fl-Artikolu 101) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Huwa xieraq li tiġi estiża l-koperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE biex jiġi inkluż ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE[1].

(2) Huwa xieraq li l-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fl-attivitajiet li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 2021/696 tibda mill-1 ta' Jannar 2021, irrispettivament minn meta din id-Deċiżjoni tiġi adottata, jew jekk it-twettiq tar-rekwiżiti kostituzzjonali għal din id-Deċiżjoni, jekk ikun hemm, ikun innotifikat wara l-10 ta' Lulju 2021.

(3) Entitajiet stabbiliti fl-Istati tal-EFTA jenħtieġ li jkunu intitolati li jipparteċipaw f'attivitajiet li jibdew qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Il-kostijiet imġarrba għal dawn l-attivitajiet, li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2021, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għal spejjeż imġarrba minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE sakemm din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ qabel it-tmiem tal-azzjoni kkonċernata.

(4) Il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA u l-istituzzjonijiet, l-impriżi, l-organizzazzjonijiet u ċ-ċittadini tagħhom fil-programmi tal-Unjoni Ewropea huma stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u b'mod partikolari fl-Artikolu 81 tiegħu.

(5) Il-partijiet Kontraenti jirrikonoxxu l-kooperazzjoni formali eżistenti fid-diversi programmi spazjali tal-UE. Huma jixtiequ jibnu fuq din is-sħubija b'saħħitha u jestendu l-kooperazzjoni għall-komponenti rilevanti kollha tal-programm spazjali l-ġdid.

[1] ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69.

(6) Fir-rigward tal-parteċipazzjoni tan-Norveġja, għandu jitqies ukoll il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u n-Norveġja[2].

(7) Għaldaqstant, il-Protokolli 31 u 37 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan, sabiex jippermettu li din il-kooperazzjoni estiża tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Il-paragrafu li jmiss jiddaħħal wara l-paragrafu 8d tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE:

'8e. (a) L-Istati tal-EFTA għandhom, mill-1 ta' Jannar 2021, jipparteċipaw fl-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw mill-att tal-Unjoni li ġej u fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali, minn hawn' il quddiem imsejħa l-"Aġenzija" bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet ta' GOVSATCOM u SSA SST, kif stabbilit mill-att tal-Unjoni li ġej:

- **32021 R 0696**: Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

(b) L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkontribwixxu b'mod finanzjarju għall-attivitajiet imsemmija taħt (a) f'konformità ma' l-Artikolu 82(1)(a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim;

(c) Il-kontribuzzjoni finanzjarja, imsemmija taħt (b), għandha tkopri wkoll l-ispiża tal-inklużjoni tal-Istati tal-EFTA fil-missjoni EGNOS u l-estensjoni tal-kopertura tas-servizzi EGNOS għat-territorji tal-Istati tal-EFTA parteċipanti. Din l-estensjoni tal-kopertura hija soġġetta għall-fattibilità teknika u ma ddewwimx l-estensjoni tal-kopertura ġeografika tas-sistema EGNOS fit-territorji kollha tal-Istati Membri tal-UE li jinsabu ġeografikament fl-Ewropa.

(d) Il-kostijiet imġarrba għal attivitajiet li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2021 jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli mid-data tal-bidu tal-azzjoni msemmija fil-ftehim tal-għotja jew id-deċiżjoni tal-għotja kkonċernati, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fihom, dment li d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru XX/2021 ta' xx 2021 [din id-Deċiżjoni] tidħol fis-seħħ qabel tmiem l-azzjoni.

(e) L-Istati eliġibbli tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija.

(f) L-Istati tal-EFTA eliġibbli għandhom jipparteċipaw, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà tal-Aġenzija, għall-partijiet rilevanti tal-programm u ristretti f'konformità mal-politika dwar il-ħtieġa ta' tagħrif stabbilita mill-programm.

[2] ĠU L 283, 29.10.2010, p. 12.

(g) L-Aġenzija għandu jkollha personalità legali. Hija għandha tgawdi fl-Istati kollha tal-Partijiet Kontraenti l-kapaċità l-iktar wiesgħa mogħtija lill-persuni legali skont il-liġjiet tagħhom.

(h) L-Istati tal-EFTA għandhom jikkonċedu lill-Aġenzija privileġġi u immunitajiet ekwivalenti għal dawk li jinsabu fil-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.

(i) B'deroga mill-Artikoli 12(2)(a) u 82(3)(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, ċittadini tal-Istati tal-EFTA li jgawdu d-drittijiet sħaħ tagħhom bħala ċittadini jistgħu jiġu impjegati b'kuntratt mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija.

(j) B'deroga mill-Artikoli 12(2)(e), 82(3)(e) u 85(3) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, il-lingwi msemmija fl-Artikolu 129(1) tal-Ftehim ŻEE għandhom jitqiesu mill-Aġenzija, fir-rigward tal-persunal tiegħu, bħala lingwi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 55(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(k) Bis-saħħa tal-Artikolu 79(3) tal-Ftehim, il-Parti VII (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali) tal-Ftehim għandha tapplika għal dan il-paragrafu, bl-eċċezzjoni tat-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu 3.

(l) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament, il-Kunsill u l–Kummissjoni għandhom, għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, japplikaw għal dokumenti tal-Aġenzija fir-rigward tal-Istati tal-EFTA ukoll.

(m) L-Istati tal-EFTA eliġibbli għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-kumitati tal-Unjoni li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fil-ġestjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-komponenti Galileo, EGNOS, Copernicus u SSA SWE u SSA NEO tas-subkomponenti tal-attivitajiet imsemmija taħt (a).

Il-parteċipazzjoni fil-konfigurazzjoni tas-sigurtà ta' dawn il-kumitati għandha tkun ristretta f'konformità mal-politika tal-ħtieġa ta' tagħrif stabbilita mill-programm.

(n) Il-Liechtenstein għandu jkun eżentat mill-parteċipazzjoni f'dan il-programm u mill-kontribuzzjoni finanzjarja għalih.

(o) L-Islanda tipparteċipa u tikkontribwixxi finanzjarjament għall-attivitajiet li ġejjin tal-programm: EGNOS, Copernicus, u s-subkomponenti tal-SSA SWE u NEO.'

L-Artikolu 2

Il-Protokoll 37 ta' mal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-testi tal-punti 36 u 37 għandhom jitħassru;

2. għandu/hom jiġi/u inserit/i il-punt(i) li ġej/jin:

'43. Il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

44. Il-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).’.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE *****.

Għandha tapplika mill-1 ta’ Jannar 2021.

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, […].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[…]

Is-Segretarji

Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[…]

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]